# 77. Swied il-Qalb

L-Ajru
kemm għandu qalbu sewda,
kemm għandu f'qalbu diq,
kemm għandu aptit ta' biki,
kemm għandu aptit ta' lfiq,
bħal m'għandha qalbi illum.

Isimgħu qiegħed jingħi
mit-toqba tal-muftieħ,
mix-xquq tal-bieb u t-tieqa
bil-karba tal-erwieħ.

Jingħi mal-fildiferru
tat-telefon jirtgħod,
u miegħu sejjer jingħi
fil-bgħod, 'il bgħod, 'il bgħod,

mal-leħen tal-qanpiena,
mal-friegħi twal tal-pin,
mal-alka fuq ix-xtajta,
bil-karba tal-mejtin.

U gelgul dmugħ ixerred
mit-toqba tal-miżieb;
u gelgul dmugħ iqattar
maż-żġiġiet kbar tal-bieb;

U jinżel jibki u jolfoq
fid-dalma ta' ġol-bir,
kif jibki u jolfoq waħdu
magħluq ġol-ħabs l-ilsir.

L-Ajru
kemm għandu qalbu sewda,
kemm għandu f'qalbu diq,
kemm għandu aptit ta' biki,
kemm għandu aptit ta' lfiq,
bħal m'għandha qalbi illum.